# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 ta' Ottubru, 2000.**

**Kawza Nru. 47.**
**Citazz. Nru. 1023/00 JRM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

1. **Palazzo II Limited, u**
2. **Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuta socjeta' Palazzo II Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Palazzo II Limited fis-somma ta' tlieta u sittin elf, tlett mija u zewg liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm63,302.,15) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Palazzo II Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'skrittura privata datata 15 ta' Settembru 1995 (Dok "B"), il-konvenut Joseph Fenech iggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' Palazzo II Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Palazzo II Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' hamsa u ghoxrin elf liri maltin (Lm25,000.00);

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 20 ta' Marzu 2000 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C" u Dok "D", sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Palazzo II Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sittin elf, tlett mija u zewg liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm63,302.15) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Palazzo II Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lil Joseph Fenech ihallas flimkien u in solidum ma' Palazzo II Limited lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf liri maltin (Lm25,000.00) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Palazzo II Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 20 ta' Marzu 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat il-verbal tal-udjenza tallum stess dwar l-ammonti dovuti;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Joseph R. Micallef**
**6 ta' Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Ottubru, 2000.**